III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-EUROPOL

**tad-9 ta' April 2009**

**li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol li jadattaw l-ammonti msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 dwar it-taxxi li japplikaw għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol**

(2009/346/KE)

IL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-EUROPOL,

Wara li kkunsidra l-Protokoll imfassal fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 41(3) tal-Konvenzjoni tal-Europol, dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Europol, tal-membri tal-korpi tiegħu, tal-viċi diretturi u tal-impjegati tal-Europol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-6 ta' April 2009, il-Kunsill iddeċieda li jadatta s-salarji u l-emolumenti għall-uffiċjali tal-Europol b'1,7 % b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2007.

(2) Fid-9 ta' April 2009, il-Bord ta' Tmexxija ddeċieda li jżid l-ammonti msemmija fl-Artikolu 4 tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tas-16 ta' Novembru 1999 [2] bl-istess perċentwali u mill-istess data bħal dik stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 imsemmija fil-punt 1.

(3) B'konformità mal-istess Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tad-9 ta' April 2009, l-ammonti b'hekk stabbiliti għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007:

1. L-ammont imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandu jinbidel f'EUR 115, 61.

2. L-ammonti f'unitajiet ta' euro tat-tabella inkluża fl-Artikolu 4 tal-Appendiċi tad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandhom jiġu sostiwiti b'dan li ġej:

8 % għal ammonti ta' bejn EUR 115,61 u EUR 2. 036,45

10 % għal ammonti ta' bejn EUR 2. 036,46 u EUR 2. 804,90

12,5 % għal ammonti ta' bejn EUR 2. 804,91 u EUR 3. 214,56

15 % għal ammonti ta' bejn EUR 3. 214,57 u EUR 3. 650,62

17,5 % għal ammonti ta' bejn EUR 3. 650,63 u EUR 4. 060,32

20 % għal ammonti ta' bejn EUR 4. 060,33 u EUR 4. 457,42

22,5 % għal ammonti ta' bejn EUR 4. 457,43 u EUR 4. 867,09

25 % għal ammonti ta' bejn EUR 4. 867,10 u EUR 5. 264,21

27,5 % għal ammonti ta' bejn EUR 5. 264,22 u EUR 5. 673,87

30 % għal ammonti ta' bejn EUR 5. 673,88 u EUR 6. 070,99

32,5 % għal ammonti ta' bejn EUR 6. 071,00 u EUR 6. 480,66

35 % għal ammonti ta' bejn EUR 6. 480,67 u EUR 6. 878,40

40 % għal ammonti ta' bejn EUR 6. 878,41 u EUR 7. 288,09

45 % għal ammonti ta' aktar minn EUR 7. 288,10

[1] ĠU C 221, 19.07.1997, p. 2.
[2] ĠU C 65, 28.2.2001, p. 6.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ jum wara li tiġi adottata.

Magħmula fl-Aja, 9 ta' April 2009.

Viktor ČECH
*Chairman tal-Bord ta' Tmexxija*